# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**
**ONOR. ALBERT JOSEPH MAGRI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar, 2001**

**Numru 1**

**Cit. Nru. 925/77 DS**

**Anthony J. Camilleri u b'digriet tat-12 ta' Lulju, 1989, l-atti gew trasfuzi f'isem l-avukat Dottor Richard Camilleri, f'ismu u bhala mandatarju ta' ohtu l-assenti Anna mart John Valenzia, l-Arkitett u Inginier Civili Paul, Joseph u Mariella mart Anthony Spiteri Gonzi lkoll ahwa Camilleri u Maria Consiglia sive Connie armla ta' Anthony Camilleri, u dan stante l-mewt ta' l-attur fil-mori tal-kawza.**

**vs**

**Avukat Dottor Victor Ragonesi bhala ko-stralcjarju tas-socjeta' David Charles (Malta) Limited u in rappresentanza tal-ko-stralcjarju l-iehor Norman Barrington Cork**

F'din il-kawza ta' ritrattazzjoni din il-Qorti ghandha issa tikkonsidra l-mertu in kwantu bis-sentenza in parti taghha tat-28 ta' Frar, 1997, hi ddecidiet illi kienu jokkorru elementi bizzejjed biex tilqa' t-talba ta' l-attur ghal smiegh mill-gdid tal-kawza fuq il-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini tas-subinciz (e) ta' l-artikolu 811, u dana wara li tannulla, kif ghamlet, is-sentenza taghha tat-13 ta' Mejju, 1991.

**Motivazzjoni in rescindente**

Utli ghad-definizzjoni finali tal-mertu li tigi riportata l-motivazzjoni ta' din il-Qorti fis-sentenza tat-28 ta' Frar, 1997.

> Fil-kaz taht ezami ir-ritrattandi qed jissottomettu illi:-
>
> (a) Meta l-Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-awtur taghhom kien ikkontrovena l-Artikolu 128 (1) tal-Kap 168 billi naqas li jizvela lis-socjeta' li taghha kien direttur bl-interess tieghu fis-socjeta' Monita Limited dik il-Qorti kellha tapplika s-sanzjonijiet li direttur jinkorri ghall-agir abuziv ta' din ix-xorta dettati u mposti fl-istess Att dwar is-Socjetajiet - il-Kap 168 Ir-ritrattandi gjustament jissottomettu illi dik il-ligi timponi sanzjonijiet precizi fir-rigward ta' penali pagabbli lir-Registratur tas-Socjetajiet u tirrendi lid-direttur hati ta' slealta tas-socjeta' tieghu passibbli ghall-azzjoni ghad-danni u imghaxijiet. Danni li naturalment jehtieg li jigu likwidati f'azzjoni ad hoc promossa mis-socjeta' kontra d-direttur taghha.
>
> (b) Ir-ritrattandi jissottomettu illi l-Qorti ma kellha l-ebda dritt fis-sentenza mpunjata li tapplika tpacija bejn dak li s-socjeta' konvenuta kienet obbligata li thallas lill-awtur taghhom f'salarju u bonus u dak li fil-fehma taghha kien jirraprezenta dak l-ammont dovut ghal servizzi. Servizzi li skond l-appellant nomine l-awtur ta' l-appellati ma pprestax fiz-zmien rilevanti lis-scojeta' konvenuta li taghha huwa kien direttur u li ppresta inveci lis-socjeta' Monita

Limited li fiha kellu nteress taht certu aspett konfligenti. Hu veru dak li ssottometta r-ritrattat - il-konvenut nomine - illi ma kienx preciz li jinghad illi s-sentenza mpunjata ghamlet ezercizzju ta' tpacija anke jekk din hi l-impressjoni li wiehed jista' jiehu mill-konsiderandi. Tpacija li certament ma kenitx tkun in regola. Il-Qorti ittendi biex taqbel ma l-appellant nomine ritrattat illi s-sentenza impunjata ghamlet ezercizzju "ta' apprezzament fuq il-bazi ta' ekwita' ta' dak il-komportament" (tal-attur) biex f'sens ta' gustizzja taqsam il-figura tas-salarju dovuta lill-attur bejn iz-zewg socjetaijiet li maghhom hu hadem fi zmien rilevanti skond kif l-aktar iddedika l-hin u l-energija u l-attenzjoni tieghu lil kull wahda minnhom.

Anke f'dan il-kuntest pero' jidher li ma kienx legalment korrett ghall-Qorti li taghmel ezercizzju ta' ekwita f'materja ta' pagament ta' salarju u bonus. Il-hlas ta' salarju u bonus hu di fatti regolat b'ligi specjali u ma jistgha jigi soggett ghal kunsiderazzjonijiet ta' din ix-xorta. Is-salarju jew kien dovut jew ma kienx. Kif gjustament irrilevaw ir-ritrattandi japplikaw ghall-fatt taht ezami il-provedementi tal-Att dwar il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg (ic-CERA), in kwantu din hija l-ligi li tirregola r-relazzjonijiet bejn haddiem u min ihaddmu, id-drittijiet u l-obbligi reciproci taghhom, id-dritt ta' l-impjegat ghall-hlas tal-paga, meta u kif din setghet tigi pregudikata u l-kawzi li jistghu jaghtu lok ghat-tkeccija mill-impjieg. Kollha konsiderazzjonijet ta' dritt li kellhom jinvestu t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet moghtija. Din il-Qorti ma tarax fuq liema konsiderazzjoni ta' ligi hi bazata is-sottomissjoni tal-konvenut nomine illi "direttur ma hux impjegat tas-socjeta' li taghha jifforma parti bhala membru tal-Bord tad-Diretturi". Dan jista' jkun veru ghal dak id-direttur li ghandu biss din il-funzjoni amministrattiva fis-socjeta' imma certament ma jistax japplika ghal min hu mpjegat bhala General Manager, b'kuntratt ghal zmien determinat jew indeterminat, u b'salarju u kondizzjonijiet ta' impjieg b'kuntratt - bhal attur - ikun ghamel mas-socjeta' li kienet timpjegah. Dan anke jekk il-General Manager kellu, kif kellu l-attur, kariga ta' direttur u post fuq il-Bord tad-Diretturi. Fatti dawn stabbiliti fis-sentenza mpunjata li din il-Qorti jehtieg li taccetta bhala provati.

**<u>Konsiderazzjonjiet in rescissorio</u>**

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet appena espressi, din il-Qorti tista' tiddisponi mill-mertu billi tqis s-segwenti:-

a) l-azzjoni attrici hi arginata fil-parametri tat-talbiet fl-att tac-citazzjoni u tal-kawzalijiet ghalihom. Fil-kaz taht ezami ma jistax ikun hemm dubbju illi t-talba hi specifikatament ghal somma dovuta lill-attur bhala "salarju ta' sena shiha bhala impjegat ta' David Charles (Malta) Ltd., u dana ghaz-zmien mill-1 ta' Novembru, 1976 sal-31 ta' Ottubru, 1977, u dana apparti ammont iehor dovut bhala bonus fl-ahhar ta' Dicembru, 1976 u fl-ahhar ta' Gunju, 1977. Kif gia dikjarat fis-sentenza taghha tat-28 ta' Frar, 1997, kienu certament applikabbli ghall-fatti in kawza d-dispozizzjonijiet ta' l-Att Nru. 11 ta' l-1952 li jirregola l-kondizzjonjiet ta' l-impjieg, u li espressament jittrattaw dwar id-dritt ta' l-impjegat li jircievi l-paga lilu dovuta. Ligi li din il-Qorti fis-sentenza taghha li giet issa revokata, jidher li injorat u ma applikatx ghall-mertu meta hekk kellha taghmel skond il-ligi.

b) It-taqsima VII tal-Kap 135 jipprovdi ghall-protezzjoni shiha tal-pagi f'dawn it-termini:- "Hlief meta jkun xort'ohra espressament permess mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att <u>l-ammont kollu tal-paga</u> li impjegat jaqla',

jew li ghandha tkun lilu mhallsa, ghandha tigi lilu mhallsa fi flus…………" (Subinciz 1 ta' l-artikolu 19). L-artikolu 23 ta' l-istess Att imbaghad jivvjeta tnaqqis mill-pagi da parti ta' min ihaddem, jekk mhux fil-kazijiet specifikati espressament f'dak l-artikolu. Divjett espress f'dawn it-termini: "Il-principal m'ghandu jaghmel ebda tnaqqis, lanqas jaghmel kuntratt ma' impjegat li jawtorizza li jsir xi tnaqqis mill-paga li ghandha tithallas mill-principal lill-impjegat". Mhux kontestat nis-socjeta' ritrattata konvenuta illi l-ammont reklamat f'paga b'dan l-att tac-citazzjoni kien rejalment jirrispekkja l-ftehim ta' kuntratt ta' impjieg li kellu l-attur. Lanqas ma huwa kontestat illi fiz-zmien rilevanti l-paga reklamata f'din il-kawza ma kienetx thallset.

c) Dan kellu necessarjament iwassal ghall-konkluzzjoni li t-talba attrici kellha tigi milqugha sakemm ma jkunx provat illi l-attur bhala mpjegat tas-socjeta' konvenuta ma jkunx ippregudika d-dritt tieghu ghall-hlas tal-paga. Pregudizzju li pero' kellu jigi nkwadrat fit-termini ta' l-eccezzjonijiet previsti mill-Kap 135 ghal sitwazzjonijiet fejn min ihaddem ikun intitolat illi jzomm lura l-hlas tal-paga jew parti minnha, jew ghax il-ligi tkun hekk espressament tawtorizzah li jaghmel jew ghax ikun hemm ordni legittimu ta' Qorti kompetenti. Eccezzjonijiet f'dan is-sens fil-verita' ma gewx sollevati mis-socjeta' konvenuta. L-unika eccezzjoni fil-mertu kienet infatti illi "s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex taghti s-somma pretiza fic-citazzjoni". Eccezzjoni li sa fejn kienet tirrigwarda t-

talba ta' l-attur ghall-hlas ta’ paga sic et simpliciter, certament ma kienetx sostenibbli ghaliex minn imkien mill-atti ma tirrizulta raguni fit-termini precizi ta’ l-Kap 135 li kienet tiggustifika lis-socjeta’ konvenuta li tirrifjuta li thallas dak li kien dovut lill-impjegat taghha f’paga u bonus skond il-kuntratt ta’ impjieg.

d) Is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta nfatti, sabet tali gustifikazzjoni fil-provvedimenti ta’ l-artikoli 126 u 128 tal-Kap 168, u cioe’ l-Ordinanza li kienet allura tirregola s-socjetajiet kummercjali. Din il-Qorti, f’dik is-sentenza, irravvizat skorrettezza fl-agir ta’ l-attur fl-adempiment ta’ l-oneru tieghu qua Direttur tas-socjeta’ konvenuta konsegwenzjali ghall-interess dirett jew indirett li jirrizulta li kellu f’negozju ma’ socjeta’ ohra Ta’ Monita Limited. Din il-Qorti nfatti inoltrat ruhha f’ezercizzju investigattiv dwar il-komportament ta’ l-attur u tan-negozju li fih involva ruhu biex waslet ghall-konkluzzjoni li l-attur kien ircieva l-parti l-kbira ta’ l-ammont minnu reklamat f’din il-kawza f’paga, u cioe’ cirka zewg terzi mill-ammont minghand din is-socjeta’ l -ohra Ta’ Monita Limited. Kien ghalhekk illi l-ammont tal-paga kien gie ridott ghal elf lira. Dan pero’ meta la kien hemm eccezzjoni li tirrifletti dan l-ezercizzju u lanqas ma kien hemm din it-tieni socjeta’ bhala parti in kawza.

e) Dan kollu apparti, jidher ukoll li anke fl-applikazzjoni ta' l-artikoli 126 u 128 tal-Kap 168 (li minn dak konsidrat aktar 'il fuq ma kienux applikabbli ghall-azzjoni kif proposta), li din il-Qorti ma kkonsidratx u ma applikatx s-subinciz 2 ta' l-artikolu 126 u s-subinciz 2 ta' l-artikolu 128 li kien ikollhom semai jigu applikati li kieku dawn l-artikoli kienu verament rilevanti ghall-mertu. Infatti s-subinciz 2 ta' l-artikolu 126 jipprovdi li meta Direttur jivvjola s-subinciz 1 tieghu u jinstab li kien hati li ghamel konkorrenza mal-kumpanija tieghu stess "il-kumpanija tista', b'ghazla taghha, jew tiehu passi ghad-danni u imghax kontra tieghu, jew titlob il-hlas ta' kull profitti maghmula minnu bi ksur ta' dan l-artikolu". U s-subinciz 2 ta' l-artikolu 128 jipprovdi li kull Direttur li jonqos milli jhares id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu, inkwantu jirrizulta li jkun naqas mid-dmir li jiddikjara l-interess tieghu lid-Diretturi l-ohra, meta jkun b'xi mod direttament jew indirettament interessat f'kuntratt jew f'kuntratt mahsub ma' l-istess kumpanija, ikun passibbli ghal penali ta' mhux izjed minn Lm500.

Din il-Qorti fis-sentenza mpunjata ghazlet li ma tapplikax dawn il-provvedimenti li specifikatament jipprovdu ghan-nuqqasijiet ta' l-attur qua Direttur tas-socjeta' konvenuta kif minnha ravvizati. Applikat invece ezercizzju ta' ekwita' biex irriduciet l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta f'paga, billi rriteniet illi d-differenza l-attur kien f'kull kaz

irceviha anke jekk taht titolu divers minghand is-socjeta' l-ohra li maghha l-attur holoq relazzjoni.

Din il-Qorti ma tqisx li dan l-ezercizzju kien permissibbli bil-ligi una volta l-ligi fil-Kap 168 kienet tipprovdi ghal rimedji specifici bhala sanzjoni ghal skorrettezzi jew inadempjenzi da parti tad-Direttur, il-Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li tinvesti l-kwistjoni minnha stess sollevata f'dawn it-termini. Inoltre, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi kemm il-hlas tal-penali fid-dispost tas-subinciz 2 ta' l-artikolu 128 kif ukoll il-kundanna ghall-hlas ta' danni u imghax, jew alternattivament il-hlas ta' kull profitti maghmula mid-Direttur, setghu biss jigu determinati u kanonizzati per via di azione. Certament ma setghux jigu definiti per via di eccezione. Il-hlas ta' penali kellha timporta bilfors determinazzjoni ta' talba ad hoc, filwaqt illi fil-kaz ta' konkorrenza zleali da parti tad-Direttur kienet il-kumpanija li setghet, <u>b'ghazla taghha</u>, tipprocedi ('tiehu passi') ghad-danni u imghax <u>jew</u> <u>titlob</u> l-hlas tal-profitti.

Din il-Qorti tasal allura ghall-konvinciment illi l-konkluzzjoni fis-sentenza impunjata tat-13 ta' Mejju, 1991, kienet zbaljata fil-ligi. Filwaqt li kellhom jibqghu impregudikati l-jeddijiet tas-socjeta' konvenuta fil-konfront ta' l-attur fir-rigward ta' kull dritt ta' azzjoni konsegwenzjali ghall-agir allegatament skorrett da parti ta' l-attur li seta' jkun in vjolazzjoni tal-

provvedimenti tal-Kap 168, ma jidher li kien hemm l-ebda eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta li setghet b'xi mod tiggustifika r-riduzzjoni ta' l-ammont ta' paga u bonus reklamat kif deciz fis-sentenza ritrattata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghdha, kuntrarjament ghal dak li ddecidiet fis-sentenza taghha tat-13 ta' Mejju, 1991, annullata bis-sentenza in parte taghha tat-28 ta' Frar, 1997, tichad ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta' konvenuta tas-16 ta' Mejju, 1988, u konsegwentement tikkonferma in toto s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-22 ta' April, 1988. L-ispejjez kollha kellhom jithallsu mill-konvenut nomine.

Dep/Reg

mm